MFSA

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

# STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

**L-MFSA preżenti fil-Freshers' Week – sejħa għal supereroj!**

Hekk kif l-industrija tas-servizzi finanzjarji ta' Malta kompliet tevolvi, l-MFSA qed tfittex li tissaħħaħ ukoll mill-aspett tar-riżorsi umani, b'mod partikolari biex tħaddan ir-realtajiet tat-teknoloġija finanzjarja u ssaħħaħ il-pożizzjoni ta' pajjiżna bħala ġurisdizzjoni ta' reputazzjoni għolja.

Din il-ġimgħa, fl-okkażjoni ta' Freshers' Week, uffiċjali mit-tim tar-Riżorsi Umani kif ukoll membri oħra tal-istaff qed jiltaqgħu mal-istudenti tal-Università biex jitkellmu magħhom dwar x'opportunitajiet eċitanti jeżistu mal-Awtorità.

L-istudenti għandhom iċ-ċans jirbħlu tliet iPads tas-sitt ġenerazzjoni. Kull ma jridu jagħmlu huwa li jżuru l-istand u jieħdu sehem fil-kampanja "Be A Hero", u jieħdu ritratt bil-poża ta' supereroj. Dawk bl-aktar *Likes* jirbħu: ir-rebbieħa se jitħabbru fil-15 ta' Ottubru. Segwi s-siti soċjali tal-MFSA għal aġġornamenti dwar din il-kompetizzjoni.

Bħalissa l-MFSA għandha numru ta' opportunitajiet ta' impjieg f'livelli differenti. Min hu interessat jista' jibgħat is-CV tiegħu flimkien ma' ittra fuq vacancies@mfsa.com.mt.

**Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**
**Taqsima għall-Komunikazzjoni**
**Stqarrija għall-Istampa 21-2018**
**1 Ottubru 2018**